**Kunsill Reġjonali Għawdex**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 151/2026

**It-Tlieta, 24 ta' Frar, 2026**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa il-*boardroom* tal-Kunsill Lokali tal-Għarb (peress li fl-uffiċċju tar-Reġjun m'hemmx spazju). Il-laqgħa bdiet fis-6:00 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur David Apap Agius | Sindku, Kunsill Lokali Għarb |
| Is-Sur Brian Azzopardi | Sindku, Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria |
| Is-Sur Noel Formosa | Sindku, Kunsill Lokali San Lawrenz |
| Is-Sur Paul Buttigieg | Sindku, Kunsill Lokali Qala |
| Is-Sur Kevin Cauchi | Sindku, Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sur Baskal Saliba | Sindku, Kunsill Lokali Żebbuġ |
| Is-Sur Philip Cassar | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Sannat |
| Is-Sinjura Carmen Parnis | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Munxar |
| Is-Sinjura Marion Portelli | Kunsillier, Kunsill Lokali Xagħra |
| Is-Sur Joseph Mercieca | Kunsill Lokali Fontana |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

Kunsill Lokali Għasri
Kunsill Lokali Xewkija

**ASSENTI:**

Kunsill Lokali Nadur
Kunsill Lokali Kerċem

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il President ippresjeda l-laqgħa.

**151.1 Talba.**

151.1.1 Il-laqgħa bdiet immexxija mill-Viċi President, is-Sur Noel Formosa peress li l-President informa lis-Segretarju Eżekuttiv li ser jittardja ftit. Intqalet it-talba tal-bidu. Il-President wasal waqt il-qari tal-korrispondenza u kompla jmexxi l-laqgħa hu.

**151.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

151.2.1 Il-Viċi President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 150 li kienu ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

**151.3 Korrispondenza.**

151.4.1 Ir-Reġjun ta' Għawdex irċieva korrispondenza mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, mid-Direttorat tal-Monitoraġġ u Appoġġ. Huma fakkru li kull Kunsill Lokali u Reġjonali għandu jaħtar Deputat Segretarju Eżekuttiv. Ir-Reġjun ħatar lis-Sur Joebert Galea li huma l-Maniġer tal-Koordinazzjoni tal-Iskart. Huwa serva f'din il-kariga ta' Deputat Segretarju fil-passat meta kien impjegat f'uffiċċju ta' Kunsill Lokali.

151.3.2 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand il-Maestro Colin Attard dwar il-Festival tal-Gaulitana li ser tiġi organizzata bejn it-28 ta' Marzu u s-26 ta' April. Din hija d-19 il-edizzjoni ta' dan il-Festival. Il-Festival jiġi organizzat f'diversi lokalitajiet f'Għawdex u huwa bla ħlas ħlief għall-opera. Huma talbu li għal darb' oħra r-Reġjun jkun wieħed mill-kollaboraturi ta' dan il-Festival. Il-membri preżenti qablu li r-Reġjun jgħin finanzjarjament sa' massimu ta' €500.

151.3.3 Ir-Reġjun Għawdex irċieva ittra mingħand il-Kunsill Lokali tal-Għarb. F'dan il-ħin is-Sindku tal-Għarb ħareġ mill-laqgħa biex ikun konformi mal-liġi. Il-Kunsill tal-Għarb informa lir-Reġjun Għawdex li bejn it-23 u l-24 ta' Mejju ser isiru installazzjonijiet ta' Infjorata ġewwa Victoria ddedikati għas-sena ta' Reġjun Ewropej tal-Gastronomija. Huma talbu finanzjament ta' €15,000 mingħand ir-Reġjun għal dan il-għan.

F'dan il-ħin il-President tar-Reġjun issuġġerixxa li r-Reġjun Għawdex jagħmel skema għall-Kunsilli Lokali Għawdxin kollha biex jagħmlu attivita' relatata mas-sena tal-Gastronomija. Dan il-fond mhux se jiffinanzja ikliet, imma qed jiġi mniedi għal attivitajiet li jesponu u jippromwovu l-Gastronomija sinonima mar-Reġjun ta' Għawdex. Dan jista jikkonsisti minn wirjiet, korsijiet, esebizzjonijiet, kitbiet, eċċ. Il-massimu ta' dan il-fond għal kull Kunsill Lokali ser ikun €5,000. Il-Kunsilli Lokali ser jirċievu l-applikazzjoni għal din l-iskema fil-ġranet li ġejjin.

151.3.4 Il-Maniġer tal-Proġetti fi ħdan il-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex irċieva korrispondenza mingħand il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar dwar studju li qed isir mill-istess Ministeru dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fir-Rabat, Għawdex. Għal dan il-għan inħarġet offerta. L-Inġinier inkarigat minn dan il-proġett talab il-permess tar-Reġjun sabiex jitwaħlu cameras madwar ir-Rabat fuq l-arbli tad-dawl. Il-membri tar-Reġjun Għawdex ma sabux oġġezzjoni għal dan iżda inġibdet l-attenzjoni li mhux l-arbli kollha li huma bil-lampi huma devoluti lir-Reġjun u għalhekk ir-Reġjun għandu jiġbed l-attenzjoni dwar dan kif ukoll jitlob li kwalunkwe permessi neċessarji għandhom ikunu f'posthom.

151.3.5 Ir-Reġjun Għawdex kien għamel talba lill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar għal għajnuna finanzjarja għas-sena tal-Gastronomija 2026. Dan sabiex ir-Reġjun ikun jista' jwettaq il-proġetti li hemm fil-bid book. L-ammont mitlub mir-Reġjun lill-Ministeru kien ta' madwar €203,000 li huwa 30% mit-total tal-ispejjeż. Ir-Reġjun Għawdex ġie mitlub biex jippreżenta CBA (cost benefit analysis). Dan sar minn awdituri professjonali bi spiża ta' madwar €6,000.

Ir-Reġjun Għawdex irċieva risposta mingħand il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar li ser jassistu lill-Reġjun Għawdex bl-ammont ta' €30,000.

151.3.6 Ir-Reġjun Għawdex irċieva kwotazzjoni mingħand ARC Research & Consultancy dwar Europe Gozo Forum 2026. Il-President qal li dan irid jiġi spjegat f'aktar dettal u ssuġġerixxa li tkun preżenti il-Maniġer tal-Kultura fil-laqgħa li jmiss biex tagħmel dan.

151.3.7 Wasal ir-rapport tal-istatistika mingħand l-ERA dwar il-kontravenzjonijiet mogħtija matul is-sena 2025. Peress li hu twil ser jintbagħat lil-Kunsilli Lokali kollha.

**151.4 <u>Approvazzjoni tal-Financial Statements (Unaudited) 2025.</u>**

151.4.1 Ġew ippreżentati il-Financial Statements 2025. Dawn kienu ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġie ikkunsidrat li nqraw. Is-Sindku tal-Qala, Is-Sur Paul Buttigieg għamel mozzjoni verbali sabiex dan ir-rapport jiġi approvat. Is-Sindku tal-Għarb, Is-Sur David Apap Agius issekonda din il-mozzjoni. Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

**151.5 <u>Ħruġ ta' offerta għal kiri ta' Uffiċċju tar-Regjun.</u>**

151.5.2 Il-kuntratt tal-kiri tal-Premises tar-Reġjun ta' Għawdex ser jiskadi fl-aħħar ta' Frar 2026. L-offerta fuq ir-restawr u riabilitazzjoni fuq il-propjetà li xtara r-Reġjun għadha qed tiġi verifikata mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Dan ser jieħu ftit żmien. Ix-xogħol li jrid jsir wara li tingħata l-offerta ser jieħu żmien tiegħu, aktarx numru ta' snin. Għalhekk hemm bżonn li r-Reġjun Għawdex joħroġ sejħa għal kiri ta' uffiċċju. Il-membri preżenti approvaw li toħroġ sejħa għal kiri ta' uffiċċju u board room għall-użu tar-Reġjun.

**151.6 <u>It-Tnedija tal-Virtual Reality ta' Ghawdex u t-Tnedija tas-Sena tar-Reġjun Gastronomiku Ewropej.</u>**

151.6.1 Il-membri preżenti ġew imfakkra li ser ikun hemm żewġ attivitajiet organizzati mir-Reġjun Għawdex f'din il-ġimgħa. Il-Ħamis 26 ta' Frar fl -ITS (Institute of Tourism Studies) fil-Qala Għawdex ser ikun hemm it-Tnedija tas-Sena tal-Gastronomija bit-tema "From Past Food to Future Food". Din tibda fis-6 ta' filgħaxija.

151.6.2 Il-Ġimgħa 27 ta' Frar ser ikun hemm it-tnedija tal-Wonders of Gozo. Dan il-proġett qiegħed issir bil-kollaborazzjoni tar-Reġjun Lvant. Dan ser issir fil-Gozo College Sir Arturo Mercieca Primary School Victoria (il-Happy School), u jibda fis-6:00 ta' filgħaxija.

**151.7 <u>Tindif fil-lokalitajiet bis-street sweeper.</u>**

151.7.1 Kif kien ġie diskuss fil-laqgħa tar-Reġjun Għawdex ta' Novembru 2025, ir-Reġjun kellu laqgħa mad-Direttur tal-Manutenzjoni u l-Indafa Pubblika. F'din il-laqgħa ġiet diskussa it-tindif tat-toroq madwar Għawdex li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tal-Kunsilli Lokali. Il-Ministeru permess ta' Fondi Ewropej qed joffri s-servizz ta' din l-isweeper f'kull lokalita'. Ir-Reġjun għamel programm tentattiv u ppreżentah lill-membri presenti. Kull lokalita' tiġi offruta dan is-servizz 4 siegħat b'roster. Il-magna ser tiġi operata minn ħaddiema

tal-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill irid jipprovdi ħaddiema tal-Kunsill sabiex jassistu. Is-Sindku ta' Għajnsielem talab li dan is-servizz ikun kmieni filgħodu.

### 151.8 Materji Oħra.

151.8.1 Is-Sindku ta' Għajnsielem, Is-Sur Kevin Cauchi staqsa jekk għandniex kuntatt ta' xi ħadd impjegat mal-GO plc. li jieħu ħsieb il-kaxxi ħomor. Is-Segretarju Eżekuttiv semmietlu persuna li hi tikkuntattja meta jkun hemm bżonn għajnuna fir-rigward tal-linji tat-telefons, iżda hu diġà tkellem ma' din il-persuna. Hu jixtieq jirrestawra il-kaxxa tat-telephone u ma jistax isib minn huwa inkarigat minn dan ix-xogħol.

151.8.2 Is-Sindku ta' tal-Għarb, Is-Sur David Apap Agius staqsa għaliex mhux il-bozoz tat-triq kollha qegħdin taħt ir-responsabbiltà' tar-Reġjun Għawdex. Hu kompla jgħid li mhux qed jistaqsi dwar brazzi u bozoz ornamentali iżda għal bozoz LED's. Is-Segretarju Eżekuttiv qaltlu li skont il-kuntratt li hi sabet meta bdiet l-impjieg tagħha mar-Reġjun, huma devoluti dawk il-bozoz li ġew mibdula mill-Gvern Ċentrali taħt proġett tal-EU. Għal dan il-għan ir-Reġjun qed jieħu biss €50,000 fis-sena meta l-ispiża ġieli telgħet għall-ammonti sew ikbar minn €100,000. Meta beda dan il-proġett il-bozoz kienu kollha ġodda u taħt garanzija u għalhekk il-€50,000 kienu jagħmlu tajjeb għall-ispiża tal-manutenzjoni iżda wara ħames snin il-bozoz ma baqgħux taħt garanzija u għalhekk ir-Reġjun qed ikollu jixtri bozoz ġodda. Għalkemm ir-Reġjun ħareġ offerti ġodda u għandu kuntratti ġodda kemm għall-manutenzjoni kif ukoll għax-xiri ta' bozoz ġodda l-ammont mogħti mill-Gvern Ċentrali ma jagħmilx tajjeb biżżejjed għall-bozoz devoluti u aktar u aktar għal iżjed bozoz.

Is-Sur Apap Agius qal li ġew installati bozoz ġodda fil-lokalita' tiegħu li l-Kunsill ma talabx għalihom u qed jispiċċa jħallas il-manutenzjoni għalihom. Is-Segretarju Eżekuttiv informat lir-Reġjun li hi għamlet talba mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali għal aktar fondi u jekk dan iseħħ, ir-Reġjun ikun jista' jikkunsidra din it-talba.

### 151.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi ta' Pagamenti.

151.9.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 162 li kienet tammonta għal € 228,961.77.

### 151.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss.

151.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19:30 u s-seduta li jmiss ġiet skedata għal nhar il-Ħamis 26 ta' Marzu fis-6:00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ____________________ | ____________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi | Rita Mifsud Attard |
| President | Segretarju Eżekuttiv |